MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MC KEON**

Seduta tat-8 ta' Novembru, 2012

Mandat Numru. 1507/2012/1

**Fl-atti tar-rikors ghall-hrug ta` Mandat ta` Inibizzjoni Nru. 1507/2012 JZM fl-ismijiet :**

**Malta Union of Bank Employees**

***kontra***

**HSBC Bank Malta p.l.c. (C-3177)**

**Il-Qorti :**

## I. Preliminari

Rat ir-rikors prezentat fid-9 ta` Ottubru 2012 fejn, ghar-ragunijiet hemm indikati, il-union rikorrenti talbet lil din il-Qorti sabiex izzomm lill-bank intimat milli –

*Ikecci, jittermina l-impieg jew jibdel b`kull mod iehor jibdel unilateralment l-istatus quo, il-kundizzjonijiet u r-rimunerazzjoni tal-gradi A21 sa A26 kif miftehma fis-Salesforce and Sales Management Agreement applikabbli sal-lum.*

Rat id-digriet taghha tad-9 ta` Ottubru 2012 li bih laqghet it-talba tal-union rikorrenti provvizorjament, ordnat in-notifika tal-atti lill-bank intimat u appuntat ir-rikors ghas-smigh ghall-udjenza ta` nhar it-Tnejn 22 ta` Ottubru 2012 fis-1.30 p.m.

Rat li l-bank intimat kien notifikat bir-rikors u bl-avviz tas-smigh fid-9 ta` Ottubru 2012.

Rat ir-risposta tal-bank intimat prezentata fit-18 ta` Ottubru 2012 fejn, ghar-ragunijiet hemm indikati, talab lil din il-Qorti sabiex tichad it-talba ghall-hrug tal-Mandat, bl-ispejjez kontra l-union rikorrenti.

Rat id-dokumenti esebiti mill-partijiet.

Semghet ix-xiehda ta` Amanda Caruana, Roseanne Camilleri, Mark Muscat u William Portelli fl-udjenza tat-22 ta` Ottubru 2012.

Wara li nghalaq il-gbir tal-provi fl-istess udjenza, semghet is-sottomissjonijiet tal-ahhar mid-difensuri tal-partijiet.

Rat id-digriet taghha moghti fl-istess udjenza fejn halliet ir-rikors sabiex tipprovdi dwaru kameralment.

**Ikkunsidrat :**

**II. <u>L-Art.873 tal-Kap.12</u>**

Skond l-**<u>Art.873(1) tal-Kap.12</u>** –

*L-iskop tal-Mandat ta' Inibizzjoni huwa li jzomm persuna milli taghmel kwalunkwe haga li tista' tkun ta' pregudizzju ghall-persuna li qed titlob il-mandat.*

Skond l-**<u>Art.873(2) tal-Kap.12</u>** –

*Il-Qorti **<u>m'ghandhiex</u>** tohrog tali mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa mehtieg sabiex jitharsu l-jeddijiet tar-rikorrent, u li dak ir-rikorrent 'prima facie' jidher li ghandu dawk il-jeddijiet.*

Mill-Art.873(2) johorgu zewg elementi li r-rikorrent jrid jissodisfa : fl-ewwel lok, irid juri li l-mandat huwa mehtieg sabiex jitharsu jeddijiet li qed jippretendi li ghandu ; u fit-tieni lok, irid jipprova li *prima facie* ghandu dawn il-jeddijiet.

Dwar il-prova *prima facie* tal-jeddijiet, il-Qorti tal-Appell fis-sentenza taghha tal-14 ta` Lulju 1988 fil-kawza **<u>Grech pro et noe vs Manfre`</u>** (Kollez. Vol. LXXII.II.290) qalet hekk –[1]

... *huwa rekwizit oggettiv u mhux soggettiv, ma jiddependix mill-element diskrezzjonali tal-gudikant, jew il-jeddijiet jidhru 'prima facie', ma' l-ewwel daqqa t'ghajn, jew ma jidhru xejn, ghall-finijiet tal-hrug tal-mandat.*

Ghax is-subinciz (2) huwa marbut ma` s-subinciz (1) tal-Art.873, il-Qorti trid tqis ukoll l-element tal-*pregudizzju.* Anke jekk rikorrent ghandu jedd *prima facie* x`jigi tutelat, il-grad ta` *pregudizzju* li jkun se jgarrab jekk il-jedd tieghu

*prima facie* ma jkunx tutelat bil-hrug tal-mandat, irid ikun irrimedjabbli – dan skond il-gurisprudenza tal-qrati taghna.

Pregudizzju ta` din ix-xorta isib ir-*raison d`etre* tieghu fir-realta` tad-dritt illi l-Mandat ta’ Inibizzjoni huwa meqjus bhala mezz procedurali ta` natura eccezzjonali. Il-harsien li l-ligi qeghda timmira ghalih bi procediment bhal dak tal-lum huwa li, minghajr il-hrug tal-Mandat, il-jedd li jista’ jkollu r-rikorrent jitnehha darba ghal dejjem. Issa dan ma jfissirx li ghax tkun intlaqghet talba ghall-hrug ta’ l-Mandat, allura l-jedd ikun ippruvat. Kif daqstant iehor lanqas ma jfisser illi ghax talba ghall-hrug ta’ Mandat ma tintlaqax, allura l-jedd pretiz ma jezistix.

Ir-rekwiziti ghall-hrug tal-Mandat huma kumulattivi mhux alternattivi. Ghalhekk jekk xi wiehed minnhom ma jirrizultax, il-Qorti ghandha tichad it-talba ghall-hrug ta’ l-mandat. Tajjeb jinghad ukoll li procedura ta` din ix-xorta hija ntiza sabiex tkun sommarja, billi m’huwiex mistenni li jitressaq quddiem il-Qorti fi stadju bhal dan, kulma jmissu jitressaq quddiemha, waqt is-smigh tal-kawza dwar il-jedd.

**Ikkunsidrat** :

## III. L-eccezzjonijiet

### 1) Gurisdizzjoni tat-Tribunal Industrijali

L-ewwel eccezzjoni hija riportata fil-paragrafu 4 tar-risposta.

Il-bank intimat ighid illi din il-Qorti m`ghandhiex kompetenza illi tordna l-hrug tal-Mandat ghaliex abbazi tal-Art.75 tal-Kap.452 il-gurisdizzjoni eskluziva dwar il-

materji sollevati mill-union rikorrenti hija tat-Tribunal Industrijali.

Fl-Att XXIII tal-2000 dwar l-Impiegi u Relazzjonijiet Industrijali (Kap.452 tal-Ligijiet ta` Malta) l-Art.75 huwa d-disposizzjoni li tistabilixxi l-gurisdizzjoni tat-Tribunal Industrijali.

Minn ezami ta` l-ewwel (1) subinciz ta` dan l-artikolu, jirrizulta fil-paragrafu (a) li t-Tribunal Industrijali ghandu gurisdizzjoni eskluziva *fil-kazijiet kollha fejn jigi allegat li* ***saret*** *tkeccija ngusta* (sottolinear u enfasi ta` din il-qorti). Bil-paragrafu (b) il-gurisdizzjoni esklusiva twessghet sabiex tkopri dawk *il-kazijiet kollha li jaqghu taht il-gurisdizzjoni tat-Tribunal Industrijali bis-sahha tat-Titolu I ta' dan l-Att jew ta' regolamenti preskritti tahtu, ghal kull ghan barra minn proceduri dwar reati kontra xi ligi, u r-rimedju ta' haddiem hekk imkecci jew li mod iehor jallega il-ksur tad-dritt tieghu skond it-Titoli I ta' dan l-Att ikun biss billi l-ilment tieghu jintbaghat lit-Tribunal Industrijali u mhux xort'ohra ...* (sottolinear ta` din il-Qorti)

Specifikament dwar il-paragrafu (b), it-Titolu I tal-Kap.452 imsejjah "*Relazzjonijiet dwar l-Impiegi*" jikkomprendi tmienja u erbghin (48) artikoli mifruxa fuq seba` (7) taqsimiet :

| | | |
|---|---|---|
| Taqsima I | : | Bord dwar ir-Relazzjonijiet dwar l-Impiegi |
| Taqsima II | : | Kondizzjonijiet maghrufa ta' Impieg |
| Taqsima III | : | Protezzjoni tal-Pagi |
| Taqsima IV | : | Protezzjoni kontra Diskriminazzjoni relatata ma` l-Impieg |
| Taqsima V | : | Temm ta' Kuntratti ta` Servizz |
| Taqsima VI | : | Infurzar u Ksur rigward Impiegi |
| Taqsima VII | : | Amministrazzjoni li ghandha x'taqsam ma' Impiegi |

Kif diga` kellha okkazjoni tghid il-Qorti tal-Appell fis-sentenza taghha tal-11 ta` Novembru 2011 fil-kawza "**Karmenu Vella vs General Workers` Union**" u din il-Qorti fis-sentenza taghha tal-31 ta` Mejju 2010 fil-kawza "**Simon Grima vs M H Malta Limited**", mhux it-taqsimiet kollha tat-Titolu I jaqghu taht il-gurisdizzjoni eskluziva tat-Tribunal Industrijali. Wiehed jasal ghal dan minn esami tas-seba' taqsimiet tat-Titolu I. Fejn il-ligi riedet fit-Titolu I tirreferi ghat-Tribunal Industrijali dan qalitu kjarament. Per ezempju, fil-kaz tat-Taqsima I li tirrigwarda l-Bord dwar ir-Relazzjonijiet dwar l-Impiegi, ma hemm xejn li jaqa' taht il-kompetenza tat-Tribunal Industrijali. Invece fejn tidhol it-Taqsima IV, li tittratta l-Protezzjoni kontra d-Diskriminazzjoni relatata mal-Impieg, hemm t-Tribunal Industrijali nghata gurisdizzjoni eskluziva, kif tghid il-ligi stess.

Il-gurisdizzjoni eskluziva tat-Tribunal Industrijali giet konferita bil-Kap.452 tal-Ligijiet ta' Malta b'deroga ghall-gurisdizzjoni generali tal-qrati ordinarji. Ghalhekk, salv fil-kazijiet indikati fil-ligi stess, id-disposizzjonijiet ta` l-Kap.452 ma jistghux jigu interpretati b'mod wiesgha biex jinkludu setghat li l-legislatur ma ndikax fil-ligi ghax ma riedx li dawn jidhlu fil-parametri tas-setghat tat-Tribunal. Fi kliem iehor, il-gurisdizzjoni tat-Tribunal Industrijali u s-setghat li ghandu huma dawk **espressament** indikati fil-ligi li stabbiliet il-parametri tal-operat tieghu.

L-Art.75(1)(b) ighid dak li jghid mhux b`kumbinazzjoni izda ghal ghan specifiku u cioe` sabiex taghti gurisdizzjoni eskluziva lit-Tribunal Industrijali f`dawk il-kazi li jaghmlu parti mit-Titolu I jew ir-regolamenti preskritti tahtu **u** li jaqghu taht il-gurisdizzjoni tat-Tribunal Industrijali. Fejn fit-Titolu I, il-ligi riedet li jidhol it-Tribunal Industrijali, hekk qalet specifikament. Li kieku l-legislatur ried tassew li l-kazijiet kollha li jirrigwardaw kull wiehed mit-tmienja u erbghin (48) artikoli li jaghmlu it-Titolu I jigi kunsidrat u deciz b`mod eskluziv mit-Tribunal Industrijali,

kien jirreferi **<u>mill-ewwel u biss</u>** ghad-disposizzjonijiet tat-Titolu I (inkluz ir-regolamenti) u mhux <u>jispecifika</u> *il-kazijiet kollha li jaqghu taht il-gurisdizzjoni tat-Tribunal Industrijali* bis-sahha tat-Titolu I jew ta` regolamenti preskritti.

Riferibbilment ghat-talba tal-union rikorrenti ma jirrizultax li xi membru tal-union rikorrenti tkecca jew kien terminat l-impieg tieghu. Ghalhekk ma tistax tiskatta l-gurisdizzjoni eskluziva tat-Tribunal Industrijali ladarba l-union rikorrenti mhijiex tallega *li **<u>saret</u>** tkeccija ngusta* (kliem il-ligi – sottolinear u enfasi tal-qorti).

Fejn it-talba tolqot is-*Salesforce and Sales Management Agreement,* lanqas ma tista` tigi nvokata gurisdizzjoni eskluziva tat-Tribunal Industrijali ghall-fini tal-procediment tal-lum.

Fost is-seba` taqsimiet tat-Titolu I, l-unika li tmiss il-kondizzjonijiet tal-impieg hija Taqsima II. Fl-ewwel subinciz (1) tal-Art.5 il-ligi tghid liema huma l-*kondizzjonijiet maghrufin ta` impieg* tal-impjegati interessati u cioe` *il-kondizzjonijiet ta' l-impieg preskritti f'ordni ta' standard nazzjonali, **<u>jew</u>** f'ordni biex jirregola settur, **<u>jew</u>** **<u>ftehim kollettiv</u>**, **<u>jew</u>** stabbiliti bi ftehim volontarju **<u>jew</u>** decizjoni taht it-Titolu II ta' dan l-Att, **<u>jew</u>** mehtiega li jigu mharsa b'dan **<u>jew</u>** skond dan l-Att* (enfasi u sottolinear ta` din il-qorti). Fis-subinciz erbgha (4) imbaghad, il-ligi tghid illi *xejn f'dan l-artikolu ma ghandu jkun ta' pregudizzju ghal xi drittijiet li l-partijiet jistghu jkollhom minn xi kuntratt ta' servizz **<u>jew xi ftehim kollettiv</u>** skond id-disposizzjonijiet tat-Titolu II ta' dan l-Att **<u>jew ta' xi ligi ohra</u>** inkluz il-Kodici Civili.* (enfasi u sottolinear ta` din il-qorti).

Minn konsiderazzjoni tal-ewwel (1) u tar-raba` (4) subincizi tal-Art.5, hija l-fehma ta` din il-qorti li bhala qorti ordinarja mhijiex prekluza milli tiehu konjizzjoni tat-talba tal-union rikorrenti fi procediment specjali bhal ma huwa

dak tal-lum.  Dan tghidu wara li qieset id-disposizzjonijiet generali tal-Kap.12 dwar il-mandati kawtelatorji (Art.829 et seq) u l-mandat ta` inibizzjoni huwa mandat kawtelatorju (Art.830.1.h), wara li qieset id-disposizzjonijiet li jolqtu l-mandat ta` inibizzjoni et sic (Art.873 et seq), wara li qieset il-kompetenza ta` din il-qorti u wara li qieset ukoll l-Art.77(1) tal-Kap.452.  Partikolarment dwar dan tal-ahhar li jghid illi t-Tribunal Industrijali *jkollu dawk is-setghat li bil-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili huma moghtija lill-Qorti Civili, Prim'Awla*, din il-qorti tghid li d-disposizzjoni trid tkun meqjusa fil-kuntest taghha , u taz-zewg subincizi l-ohra li jaghmlu l-Art.77, li jfisser li t-Tribunal Industrijali m`ghandux is-setgha li jqis u jiddeciedi dwar talba ghall-hrug ta` mandat ta` inibizzjoni.

**L-ewwel eccezzjoni hija respinta**.

## 2) <u>Proceduri gia pendenti fit-Tribunal Industrijali</u>

It-tieni eccezzjoni hija riportata fil-hames paragrafu tar-risposta.

Se tqis l-ewwel is-subparagrafu (a) ta` dan il-paragrafu.

Il-bank intimat jikkontendi li l-partijiet talbu lill-Ministru skond l-Art.74(2) tal-Kap.452 sabiex jirreferi l-vertenza taghhom fil-mertu lit-Tribunal Industrijali.  U l-Ministru hekk ghamel skond l-Art.74(3).  Ghalhekk, skond il-bank intimat, anke il-procediment tal-lum huwa kompetenza tat-Tribunal Industrijali.

Din il-Qorti ma taqbilx.

Il-procediment tal-lum huwa ghal kollox distint mill-kwistjoni fil-mertu. Il-kompitu ta` din il-qorti huwa li tara jekk humiex sodisfatti inkella le r-rekwiziti tal-Art.873. Il-kompitu taghha mhuwiex li tiddeciedi l-mertu. Ir-rwol ta` din il-qorti huwa li tmiss il-mertu b`mod ristrett hafna sabiex tara jekk humiex sodisfatti inkella le r-ekwiziti tal-Art.873 – *punto e basta*. Jekk il-partijiet ghazlu bi qbil bejniethom li l-mertu jkun trattat u deciz mit-Tribunal Industrijali, allura hekk se jsir. Dak il-fatt pero` ma jippreKludi bl-ebda mod lil din il-qorti li taqdi l-funzjonijiet taghha fil-kuntest ta` dan il-procediment.

Dak li diga` nghad minn din il-qorti fil-kaz tal-ewwel eccezzjoni dwar l-Art.77 tal-Kap.452 ighodd sabiex tirrespingi l-argument li qieghed jaghmel il-bank intimat fis-subparagrafu (b) tal-paragrafu 5.

**Anke t-tieni eccezzjoni hija respinta**.

**3) <u>Lis alibi pendens</u>**

It-tielet eccezzjoni hija riportata fis-sitt paragrafu tar-risposta.

L-Art.792 tal-Kap.12 invokat mill-bank intimat ma jghoddx ghall-procediment specjali bhal ma huwa dak tal-lum.

Dak tal-lum mhuwiex *kawza.* Lanqas ma huwa procediment li sejjer jiddeciedi l-mertu tal-kwistjoni bejn il-partijiet.

**Ghalhekk it-tielet eccezzjoni hija michuda wkoll**.

**Ikkunsidrat :**

## IV. <u>Risultanzi</u>

Bejn il-partijiet hemm fis-sehh ftehim kollettiv ghall-haddiema klerikali u manigerjali li beda ighodd mis-sena li ghaddiet u jaghlaq is-sena ddiehla. Fost id-diversi klawsoli tal-ftehim, hemm il-klawsola 3 li tistabilixxi d-durata tal-ftehim u cioe` bejn l-1 ta` Jannar 2011 u l-31 ta` Dicembru 2013. Tghid kif jigi negozjat ftehim kollettiv gdid. Tghid ukoll illi *during negotiations, and until a new Agreement is signed, the contents of this Agreement, with the exception of Appendix A shall remain in force.* Appendix A jittratta s-salarji. Jinghad inoltre li *in case that no notice for revision is given, the contents of this Agreement shall remain in force for an indefinite period or until notice is finally given and a new Agreement eventually reached.* Il-pattijiet u l-kondizzjonijiet tal-ftehim kollettiv mhuex qed jigu kontestati. Il-kwistjoni tirrigwarda ftehim iehor maghruf bhala *Sales Remuneration Package* konkluz bejn l-istess partijiet li jolqot gradi ta` haddiema maghrufa bis-sigla A21 sa A26. Il-ftehim beda jghodd fl-1 ta` Jannar 2011. Skond l-ewwel paragrafu tal-ftehim, *this Remeration Package takes effect from 1 January 2011 and will continue to be reviewed annually, although the Bank reserves the right to review the terms of the scheme, in agreement with the MUBE ("the union") by giving three months` notice at any time.* Propju fl-ahhar paragrafu qabel il-firem ta` dan il-ftehim jinghad hekk *the relevant terms and conditions of the Collective Agreement clauses are either amended by or do not apply and are superceded by this agreement.*

Il-union rikorrenti mexxiet bil-procediment tal-lum ghaliex qeghda tghid illi minkejja l-ftehim li l-bank intimat ghandu maghha, dan tal-ahhar qieghed jittenta illi jibdel <u>unilateralment</u> il-kondizzjonijiet tas-*Sales Remuneration Package* bla ma jiftiehem maghha. Skond il-union rikorrenti, il-bank intimat dan ma jistax jaghmlu abbazi tal-

ftehim ezistenti. Il-union ma tieqafx hemm. Tghid illi jekk il-bank intimat jithalla jibdel il-ftehim unilateralment, il-pregudizzju ghall-membri taghha li ghalihom ighodd il-ftehim se jkun effettivament irrimedjabbli ghaliex fil-kaz illi dawn ma jaccettawx il-kondizzjonijiet il-godda, li dwarhom il-bank ma wasalx fi ftehim mal-union, huma jidhlu fis-sogru reali ta` tkeccija, u f`dak il-kaz ir-rimedji li jaghtuhom il-ligijiet vigenti ma huma se jpogguhom qatt fil-posizzjoni illi kienu qabel l-eventwali tkeccija taghhom.

Il-posizzjoni tal-bank intimat hija li huwa ghandu jedd jesigi bidla fil-kondizzjonijiet tal-ftehim tal-kategoriji ta` haddiema in kwistjoni u waqt it-trattazzjoni tar-rikors kien spjegat ghaliex qieghed isir hekk u cioe` sabiex il-kondizzjonijiet tal-haddiema lokali jigu in linea ma` dawk ta` pajjizi ohra ladarba l-HSBC huwa bank dinji. Il-bank intimat ilmenta mill-intransigenza tal-union rikorrenti. Waqt is-smigh tal-provi, din il-qorti semghet b`riperkussjonijiet li whud mill-haddiema ta` dawk il-kategoriji jallegaw illi garrbu meta osservaw direttiva tal-union rikorrenti.

Dan kollu premess fil-qosor, din il-qorti sejra tghaddi biex tara jekk ir-rekwiziti tal-Art.873 humiex inkella le sodisfatti fil-procediment tal-lum.

Din il-qorti tibda biex tghid li kien ippruvat ghas-sodisfazzjon taghha illi l-union rikorrenti ghandha jedd *prima facie* li tmexxi kif mexxiet.

Bla ma tidhol fil-qalba tal-mertu ghax dak mhuwiex il-kompitu taghha, din il-qorti tghid illi hemm ness guridiku bejn il-ftehim kollettiv u l-ftehim partikolari. Li qieghed jinghad bil-klawsola tal-ftehim partikolari li tirreferi ghall-ftehim kollettiv (u cioe` dik ta` qabel il-firem) huwa li l-ftehim kollettiv ighodd ghall-haddiema fil-kategoriji in kwistjoni hlief ghal dawk il-klawsoli li tfasslu apposta ghalihom fil-ftehim partikolari. Hekk taghmel sens legali dik il-klawsola. Mela mhux fondat l-argument tal-bank intimat li l-ftehim kollettiv huwa storja waqt li l-ftehim

partikolari huwa storja ohra minghajr rabta. Fejn ma jitkellimx il-ftehim partikolari, ighodd il-ftehim kollettiv. Din ghandha tkun *la chiave di lettura* propja taz-zewg ftehim. Il-konsegwenza ta` dan huwa li l-bank intimat irid jirrispetta l-istatus quo, ma jistax jipprocedi unilteralment, irid jiftiehem mal-union rikorrenti, u fejn ma jasalx, ifittex rimedju gudizzjarju.

Din il-qorti hija sodisfatta li jirrizulta wkoll r-rekwizit tal-pregudizzju kif mifhum ghall-fini tal-Art.873.

Il-union rikorrenti tirrapprezenta lill-membri taghha. U hija obbligata taghtihom direzzjoni. Jekk il-bank intimat jithalla jaghmel bidlet unilaterali fil-kondizzjonijiet tal-impieg, minghajr l-adezjoni tal-union, ir-riperkussjonijiet ghall-membri tal-union se jkunu rrimedjabbli. Jekk jaccettaw dak li se jkun impost fuqhom minghajr l-accettazzjoni tal-union taghhom, se jitilfu darba ghal dejjem l-kondizzjonijiet li kellhom. Jekk jirrifjutaw il-kondizzjonijiet il-godda, is-sogru taghhom tista` tkun – realment mhux ipotetikament – tkeccija. U bit-tkeccija se jitilfu darba ghal dejjem il-kondizzjonijiet favorevoli prezenti li jaghtihom l-impieg taghhom, anke jekk jinghataw ragun mill-qorti jew tribunal kompetenti biex jiddeciedi skond il-ligi dwar it-tkeccija taghhom.

**Din il-qorti m`ghandhiex l-icken dubju li r-rekwiziti kollha tal-Art.873 huma sodisfatti fil-kaz tal-lum.**

**Ghar-ragunijiet fuq premessi, din il-qorti qeghda tilqa` t-talba tal-union rikorrenti kif dedotta. Qeghda ghalhekk tordna l-hrug ta` mandat ta` inibizzjoni kontra l-bank intimat sabiex la jkecci, la jittermina l-impieg jew lanqas b`kull mod iehor jibdel unilateralment l-*istatus quo*, il-kundizzjonijiet u r-rimunerazzjoni ta` haddiema tal-bank intimat fil-gradi A21 sa A26, kif miftehma fis-*Salesforce and Sales***

***Management Agreement* bejn il-partijiet, kif applikabbli sal-lum. Tordna wkoll illi l-ispejjez kollha ta` dan il-procediment jithallsu mill-bank intimat.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------